Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 119/2010

**Melita Power Services Limited [C 41892] (appellata)**

**Vs**

**V G Shutter and Concrete Works Limited [C 21877] (appellanti)**

12 ta' Dicembru, 2016.

Permezz ta' avviz datat 9 ta' April, 2010, il-kumpannija attrici talbet lill-Ewwel Qorti tikkundanna lill-kumpannija intimata thallas is-somma ta' €10,379.47 rappresentanti diversi xogholijiet u forniment ta' materjal relatat li saru mill-kumpannija attrici.

Il-konvenuta wiegbet illi l-ammont mhux dovut ghaliex kien hemm arrangament ta' tpacija, li semmai kien ghad fadal bilanc ta' €200 x'jithallas lill-konvenuta u li l-kumpannija attrici kellha f'kul kaz tipprova l-pretenzjoni taghha skond il-ligi.

B'sentenza tat-2 ta' Frar, 2015 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ikkundannat lill-konvenuta thallas is-somma ta' ghaxart elef, tlett mija u disgha u sebghin Euro u sebgha u erbghin centezmu (€10,379.47). Il-qorti osservat:

*"Il-Qorti ma tistax ma tinnutax illi, mill-provi prodotti, ma gie muri ebda ness bejn is-socjeta rikorrenti u Pierre Balzan, ghalkemm l-istess Pierre Balzan jikkonferma illi huwa direttur tas-socjeta rikorrenti.*

*Ma tistax ma tinnutax ukoll illi, ghalkemm is-socjeta intimata tinsisti li kien hemm ftehim ta' tpartit bejn iz-zewg partijiet, dana ma huwiex rifless mill-provi prodotti, partikolarment mill-fatt illi, bi ftehim bejn iz-zewg partijiet, l-invoices meritu tal-kawza odjerna kienu inghaddew lill-Bank HSBC sabiex dawna eventwalment jithallsu mill-istess socjeta intimata, fatt illi qatt ma eventwalment sehh. Kieku verament kien hemm ftehim ta' tpartit, kif qed tallega s-socjeta intimata, certament l-istess socjeta intimata ma kienetx taccetta li thallas lill-Bank l-import ta' l-invoices meritu tal-kawza odjerna, izda kienet tinsisti li x-xoghlijlet jigu mhallsa bi tpacija.*

*Ghalhekk, l-argument li kien hemm tpartit bejn is-socjeta intimata u s-socjeta rikorrenti ma jirrizultax ippruvat mill-provi prodotti filwaqt illi l-import dovut mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti u mitlub permezz tal-kawza odjerna gie debitament ippruvat u ammess mill-istess socjeta intimata mill-kont minnha redatt u fuq gia indikat".*

Il-konvenuta appellat mis-sentenza u spjegat:

L-ewwel qorti skartat id-difiza ta' tpacija ghal zewg ragunijiet: fl-ewwel lok iddecidiet li l-ftehim mal-bank sar miz-zewg kumpanniji kontendenti u ghalhekk il-kumpannija appellanti ma kinitx taghzel li thallas lil Bank u fit-tieni lok il-ftehim ta' tpacija ma giex rifless fil-provi.

Illi l-kumpannija appellanti ma tistax taqbel ma' din il-konkluzjoni u l-prova fattwali li tolqot iz-zewg kunsiderazzjonijiet tant determinati ghar-ragunament tal-Ewwel Qorti jemergu kjarament mix-xhieda ta' David Xuereb moghtija fit-18 ta' Mejju 2012. Inghad li din il-prova gabitha l-kumpannija appellanti ghaliex il-kumpannija appellata ghazlet li semplicement tezebixxi numru ta' fatturi minghajr ma taghti spjegazzjoni ghar-retroxxena tant importanti. Fil-fatt li kieku ma kinitx il-kumpannija appellanti l-Ewwel Qorti lanqas biss kienet tkun infurmata bir-rwol attiv li kellu l-Bank HSBC f'din il-kwistjoni.

Illi l-procedura tal-*invoice financing* saret realta' fid-dinja kummercjali tal-lum. Bazikament is-servizz li jaghti l-bank hu li jhallas l-ammont ta' *invoices* pendenti u dan sabiex il-kreditur ikun jista' jkompli jiffoka fuq l-operat tax-xoghol tieghu u, min-naha tieghu l-bank idur fuq id-debitur sabiex isir il-hlas rikjest. Izda, ir-relazzjoni legali hija bejn il-bank u l-kreditur, fil-fatt qatt ma jista' jinghad lit-terz f'dan l-arrangament u cioe' d-debitur jista' jitqies bhala l-klijent tal-bank. Il-bank jaf lill-kreditur u sussegwentement ghal dan l-arrangament jidhol fid-drittijiet tieghu sabiex idur fuq id-debitur ghall-hlas.

Illi kienet zbaljata l-Ewwel Qorti meta l-kunsiderazzjoni determinanti li utilizzat kien li skond hi l-kumpannija appellanti **ghazlet li taccetta** li thallas lil Bank. Il-kumpannija appellanti kienet totalment estranja ghal dan l-arrangament salv ghal meta l-Bank dahar fuqha biex isir il-hlas, haga li qatt ma saret ghaliex il-hlas kien qed isir bix-xoghol fid-dar ta' Pierre Balzan.

Illi l-Bank ma kienx ser jitlef flus jekk ma kienx cert li l-pagamenti ma kinux qeghdin isiru minhabba xi arrangament iehor. Il-bank waqqaf din il-procedura ghaliex kien sodisfatt li kien hemm arrangament ta' tpacija bejn il-kumpannija kontendenti u ghalhekk huwa ma kienx sejjer jithallas. Inkella kienet tinqala sitwazzjoni fejn il-kumpannija appellanti kienet sejra thallas doppjament.

L-attrici wiegbet (fol. 8):

1. Illi essenzjalment, l-aggravju jitratta temi li l-appellanti kienet ghamlet enfazi fuqhom quddiem l-ewwel qorti u li kienu gew ezaminati bir-reqqa minnha. Li l-appellanti terga' tiftah berah l-apprezzament tal-provi fi stadju ta' appell, hu barra minn loku.

2. Illi fil-verita' l-appellanti qed tipprova tinqeda bir-rizorsi ta' din il-qorti sabiex ittawwal il-kaz sakemm dan ikun possibbli u fic-cirkostanzi l-qorti ghandha tiddikjara bhala fieragh u tikkundanna lill-appellanti thallas l-ispejjez ghal darbtejn.

Il-qorti qrat l-atti.

**<u>Konsiderazzjoni.</u>**

1. Il-konvenuta ma tikkontestax li fuq ordni taghha l-attrici ghamlet xoghol b'valur ta' €10,379. Fil-fatt Victor Gauci xehed, *"Jien nghid li l-invoices kollha….. gew mibghuta mis-socjeta rikorrenti u nikkonferma li dawn huma invoices mertu tal-kawza odjerna u huma minnhom. Jiena nikkonferma li jiena pagamenti bil-flus m'ghamilt xejn"* (fol. 82).

2. Fir-rikors tal-appell l-argumenti tal-konvenuta huma bazata fuq it-tpacija.

3. Jirrizulta li fis-27 ta' Novembru 2008 kienet iffirmata skrittura privata bejn Victor Gauci ghan-nom tal-konvenuta u Pierre Balzan u titratta xoghol ta' bini li kellu jsir fil-fond 11, Cosynook, Triq it-Telekomunikazzjoni, San Pawl tat-Targa. Xoghol li kellu jsir ghall-prezz ta' €18,896 u kellu jibda fit-2 ta' Jannar 2009 u jispicca fit-30 ta' Marzu 2009 (fol. 47). Fl-istess ftehim jinghad hekk:

   *"2. That during the month of January 2009 Victor Gauci will take in as barter and payment for works attached in Doc B, mini excavator type JCB805-2 having serial number 802878 of year 2001 including one good used hammer complete and one bucket for the value of €17,795.00 as per purchase documentation attached marked as Doc A as is where is and as inspected".*

   **L-attrici ma kinitx parti ghal dak il-ftehim**.

4. Il-kontijiet li harget l-attrici kollha nhargu wara l-imsemmija skrittura, bejn is-16 ta' Dicembru 2008 u 30 ta' Marzu 2009 (ara rendikont a fol. 2). Jirrizulta li l-attrici kienet tat il-kontijiet lill-HSBC Bank Malta plc taht skema maghrufa bhala *'invoice finance'* (ara deposizzjoni ta' David Xuereb). Skema li l-attrici bdiet tinqeda biha **mill-21 ta' Jannar 2009**. Min-notamenti tal-bank jirrizulta li fl-20 ta' Lulju 2009 kienet saret laqgha l-bank fejn kien sar ftehim bejn il-kontendenti li l-konvenuta tibda thallas id-dejn permezz ta' pagamenti akkont ta' €2,000, bl-ewwel pagament isir fl-ahhar ta' Lulju 2009[1]. Notament li jikkonferma li l-konvenuta kienet accettat li thallas il-kontijiet. Victor Gauci fid-drabi li xehed qatt ma cahad dak li jinghad fl-imsemmi notament. Sahansitra fid-19 ta' Awissu 2009 hemm notament iehor li jaqra, ***"Victor Gauci (V.G) told me that he will come tomorrow at our offices to effect pyt"***. Fid-drabi li xehed, Gauci qatt ma kkontesta dawn il-fatti. Imbaghad f'notament iehor datat 26 ta' Awissu 2009 jinghad:

   *"Manager Dennis Francalanza advised that yesterday he received a call from Victor Gauci (V.G). He told him that Pierre (MPS) will pay Victor the sum of EUR6,500 on*

[1] *"As per meeting held, customer agreed with client to effect pyts of EUR2,000 monthly starting from end of July 09"* (fol. 63).

*completion of works being carried out & soon after Victor Gauci (V.G) will pay us. To monitor."*

Minn dak in-notament u ta' wara (31 ta' Awissu 2009, 22 ta' Settembru 2009 u 2 ta' Ottubru, 2009) jidher li kienet l-intenzjoni li kif il-konvenuta tlesti x-xoghol ghand Pierre Balzan, dan tal-ahhar ihallas lill-bank is-somma ta' €6,000 jew €6,500 bhala pagament ghax-xoghol li ghamlitlu l-konvenuta. Pero' hu evidenti li din l-intenzjoni qatt ma mmaterjalizzat ladarba Pierre Balzan ma hallasx. Mhuwiex maghruf x'kienet ir-raguni ghalfejn ma sarx il-hlas lill-bank. Jibqa' l-fatt li l-bank ma thallasx u jidher li ma zammx il-kontijiet tal-attrici.

5. Wiehed mill-elementi mehtiega sabiex issehh tpacija[2], hi li tnejn min-nies ikunu ***"debituri lejn xulxin"*** (artikolu 1196 tal-Kodici Civili). F'dan il-kaz l-attrici qatt ma kienet debitrici tal-konvenuta. Il-konvenuta qatt ma ghamlet xoghol lill-attrici. L-inkarigu lill-konvenuta inghata minn Pierre Balzan. Balzan kien id-debitur tas-socjeta konvenuta filwaqt li l-konvenuta kienet debitrici tal-attrici. Ghalhekk it-tezi li sehhet tpacija hi legalment skorretta.

6. Il-qorti tkompli tosserva:

    i. Li l-ebda ftehim fis-sens li ssostni l-konvenuta ma seta sar meta giet iffirmata l-iskrittura privata tas-27 ta' Novembru 2008 gialadarba l-attrici ma kinitx parti ghalih u sa dak iz-zmien l-attrici kienet ghadha m'ghamlitx ix-xoghol li b'din il-kawza qeghda titlob il-hlas tieghu.
    ii. Dak li ftiehem Pierre Balzan fl-iskrittura privata tas-27 ta' Novembru 2008, jorbot lilu biss u mhux lil haddiehor li ma kienx parti ghall-kuntratt.
    iii. Fil-21 ta' Jannar 2009 l-attrici nghatat il-facilita *invoice financing*. Probabilment li kieku kien jezisti xi ftehim bejn il-kontendenti li l-hlas dovut lill-attrici kien ser jinqata' mid-debitu li Pierre Balzan kellu mal-konvenuta, l-attrici ma kinitx ser taghti l-kontijiet (fol. 3-25) lill-bank biex jintuzaw fil-facilita *invoice financing*.
    iv. Jekk kien jezisti ftehim f'dak is-sens, fil-laqgha tal-20 ta' Lulju 2009 Victor Gauci ma kienx iwieghed li b'effett mill-ahhar ta' Lulju 2009 kien ser jibda jhallas lill-bank is-somma ta' €2,000 kull xahar.

7. Hu veru li David Xuereb xehed li:

*"Fit-8 ta' Ottubru mbaghad il-manager ta' dak iz-zmien is-sur Francalanza beda jissuspetta li kien hemm xi tip ta' arrangement fuq barter bejn iz-zewg partijiet, liema kwistjoni mhix accettabbli a tenur tal-kundizzjonijiet tal-credit finance taghna u allura*

---

[2] L-ewwel darba li ssemmiet kienet minn Victor Gauci meta xehed fis-seduta tat-8 ta' Frar, 2012 (fol. 52).

*l-kont inghalaq, din il-kwistjoni inghalqet u giet assigned lura lil MPS biex imbaghad jaraw huma"*.

Pero' ma jistax ikun li kien hemm *barter agreement* bejn il-kontendenti, gialadarba l-attrici qatt ma tat inkarigu lill-konvenuta. Min-notamenti tal-bank jidher li eventwalment Pierre Balzan kien ser ihallas €6,000 jew €6,500 lil HSBC Bank Malta bhala parti mill-hlas li kien dovut fir-rigward tal-kontijiet li harget l-attrici. Dan ifisser li Pierre Balzan, bhala terz kien dispost li jhallas dejn tal-konvenuta ladarba tlestilu x-xoghol. Pero' dan il-hlas baqa' ma sarx, ghal raguni li ma tirrizultax mill-provi. Il-bank jidher li rritorna l-kontijiet lill-attrici ghaliex issuspetta li kien hemm ftehim ta' barter, u b'hekk dawn il-kontijiet ma baqghux ta' uzu taht il-facilita li l-attrici kellha mal-bank. Ladarba l-attrici baqghet ma thallsitx tax-xoghol li ghamlet u ma jirrizultax li sehhet tpacija kif argumentat il-konvenuta, ifalli l-argument li pproponiet fir-rikors tal-appell.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.